MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2019

Rikors Maħluf Numru 709/2016 LM

**Alies Abdulhadi (ID numru 377388M)**

***vs.***

**Avukat Dottor Owen Bonnici (ID numru 273280M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-18 t'Awwissu, 2016 mill-attur **Alies Abdulhadi** (ID 377388M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-3 t'April, 2014 għall-ħabta tad-9:30 ta' fil-għaxija, waqt li r-rikorrent kien qiegħed akkostat mal-ġenb tat-triq fi Triq Ġużé Flores, Santa Venera, huwa ġie investit mill-intimat l-Onorevoli Avukat Owen Bonnici waqt illi dan kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBH 896, di proprjetà tiegħu stess, fejn korra lir-rikorrent u kkaġunalu feriti ta' natura gravi u debilitanti (Dok. AA1);*

2. *Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni jaħti unikament l-intimat Avukat Dottor Owen Bonnici minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-Artikolu 1031 u 1032 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrent ġarrab damnum emergens li kienu jinkludu spejjeż ta' tobba u speċjalisti, telf ta' xogħol u telf ieħor li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi bħala konsegwenza tal-ġrieħi gravi li ġarrab konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrent sofra wkoll lucrum cessans minħabba debilità permanenti riskontrata u aċċertata (Dok. AA5);*

5. *Illi jidher illi s-soċjetà assiguratriċi tal-intimat aċċettat ir-responsabbilità dwar dan l-inċident tant illi ħallset diġà għall-ħsarat fil-vettura tal-esponenti, u kif ukoll permezz tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' April, 2016 iddikjarat illi hija disposta li tħallas kull ammont dovut skont il-Liġi (Dok. AA9 u Dok. AA10);*

6. *Illi minkejja li l-intimat kien interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 15 ta' Marzu, 2016, debitament notifikata lill-intimat dakinhar stess, sabiex jagħmel tajjeb għad-danni tar-rikorrent, huwa baqa' inadempjenti.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li tagħti dawk id-dikjarazzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni:*

1. *Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab ir-rikorrent;*
2. *Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrent, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
3. *Tikkundanna lill-intimat sabiex tħallas lir-rikorrent dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Frar, 2016, dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu, 2016 u dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimat skont il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali kontra l-istess intimat li ġie inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Avukat Dottor Owen Bonnici** (ID numru 273280M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Settembru, 2016, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi l-intimat jissottometti li dan l-inċident kien wieħed purament każwali iżda ai finijiet ta' dawn il-proċeduri ċivili l-ewwel talba mhux qed tiġi kkontestata anki minħabba l-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju;*

2. *Illi għal kull buon fini l-intimat jiddikjara li dwar dan l-inċident hemm kopertura sħiħa mill-assikurazzjoni tiegħu;*

3. *Illi l-assikurazzjoni tal-intimat kienet dejjem lesta tħallas id-danni inkorsi mill-attur iżda minkejja dan ma ntlaħaqx ftehim bejn l-assikurazzjoni u r-rikorrenti dwar quantum;*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ġunju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-kwistjoni odjerna hija essenzjalment azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni li l-attur sofra konsegwenza ta' inċident tat-traffiku li fih kienu involuti l-

partijiet, u li konsegwenza tiegħu l-attur jallega li sofra danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur minħabba f'debilità permanenti allegatament sofferta minnu. Il-konvenut min-naħa tiegħu mhuwiex jikkontesta r-responsabbilità tiegħu għall-inċident, u filwaqt li jeċċepixxi li kienet saret offerta għall-ħlas ta' dak dovut minnu in linea ta' danni, jgħid li ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar il-*quantum* tad-danni sofferti mill-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur imressaq minnu, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija relattiv għall-inċident mertu tal-kawża[1], fejn hemm deskrizzjoni tad-dinamika ta' dan l-inċident, li seħħ hekk kif l-attur kien wieqaf quddiem il-vettura tiegħu bil-*bonnet* mgħolli, wara li l-vettura waqfet minħabba xi ħsarat, u għal xi raġuni intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur ittieħed l-Isptar bl-ambulanza, fejn ġie stabbilit li l-kundizzjoni tiegħu kienet waħda stabbli u ma kienx fil-periklu tal-mewt, għalkemm miċ-ċertifikat mediku rilaxxjat mill-Isptar[2], jidher li l-ġrieħi sofferti minnu kienu ta' natura gravi.

L-attur ippreżenta wkoll dikjarazzjoni rilaxxjata minn **Dr Nicholas Baldacchino,** *Senior Lecturer* fl-*Institute of Electrical and Electronics Engineering,* li jifforma parti mill-MCAST[3], fejn stqarr li inġinier kwalifikat bħalma se jkun l-attur, fil-preżent kapaċi jaqla' salarju gross ta' erbgħin elf Euro (€40,000) sa mill-bidu tal-ħajja lavorattiva tiegħu.

---

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] Ara paġna 10 tar-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 11 tal-proċess) li jagħmel riferiment għaċ-ċertifikat maħruġ minn Dr Malcolm Caruana.
[3] *A fol.* 13 tal-proċess.

L-attur ippreżenta wkoll għadd ta' rċevuti għal ħlasijiet li hu għamel konsegwenza tal-inċident li kien involut fih, fosthom dawk maħruġa mill-Isptar Saint James, mill-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun u mill-uffiċċju legali li assista lill-attur b'rabta ma' dawn il-proċeduri.[4]

L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport mediku rilaxxjat minn **Mr Thomas Azzopardi**, *Consultant Orthopaedic Surgeon*[5], li eżamina lill-attur fit-22 ta' Jannar, 2015, u li kkonstata li konsegwenza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-attur sofra ġrieħi f'rasu, f'wiċċu u fl-irkoppa tal-lemin. L-espert mediku *ex parte* xehed li hu tkellem mal-attur dwar id-dinamika tal-inċident, fejn ġie spjegat lilu li l-inċident seħħ fit-3 ta' April, 2014, wara li l-vettura tal-attur waqfet taħt il-mini ta' Santa Venera, u kien qiegħed jagħmel xi xogħol fuq il-magna tagħha, meta għal xi raġuni l-vettura misjuqa mill-konvenut daħlet fil-parti ta' wara tal-vettura tiegħu li kienet wieqfa. Mal-impatt l-attur intlaqat f'irkopptu tal-lemin u waqa' għal wara, filwaqt li ftit tal-mumenti wara huwa ttieħed l-Isptar għal aktar kura. Ix-xhud qal li meta eżamina lill-attur madwar 9 xhur wara l-inċident, dan kien għadu jilmenta minn skumdità f'irkopptu, u mill-fatt li ma setax iqatta' ħin twil fuq saqajh jew miexi. L-attur lanqas ma seta' jilwi rkopptu tal-lemin u kien għadu jbati biex jitla' t-taraġ. Fiż-żmien li fih seħħ l-inċident l-attur kien student tal-MCAST u fis-sena li fiha kellu dan l-inċident, huwa kellu jirrepeti s-sena akkademika. Madanakollu l-attur qal li ma sofra ebda limitazzjoni oħra fl-attivitajiet li jagħmel ta' kuljum. Fiż-żmien li fih sarlu l-eżami mediku, l-attur kien reġa' beda attivitajiet sportivi li kien jagħmel qabel, fosthom l-għawm u ċ-ċikliżmu. L-espert mediku ta elenku tal-proċeduri kirurġiċi li kellu jgħaddi minnhom l-attur konsegwenza ta'

[4] *A fol.* 14 *et seq.* tal-proċess.
[5] *A fol.* 20 tal-proċess.

dan l-inċident.[6] Ix-xhud qal li minkejja t-trattament u t-terapija li ngħata l-attur wara l-inċident, hu xorta waħda kien għadu qiegħed jilmenta minn sintomi li jaffettwawlu l-moviment tal-parti t'isfel ta' siequ tal-lemin. L-espert mediku wera l-fehma li l-attur ser isofri sintomi kroniċi b'mod permanenti, u kkostata li dan sofra diżabilità permanenti fil-grad ta' 12%:

> *"Taking into account the nature of the injuries sustained, I should conclude that Mr. Alies Abdul Hadi will suffer from chronic symptoms due to the residual instability in the right knee. He was also at risk of developing late sequelae of the intra-articular fracture of the right knee, including post traumatic osteoarthritis, with the risk of further surgery in the future. In my opinion Mr. Alies Abdul Hadi has sustained a permanent disability of 12%."*

L-attur ippreżenta wkoll kopji ta' riżultati akkademiċi li hu akkwista b'rabta mal-istudji fl-inġinerija[7], kemm dawk miksuba minn kulleġġi fil-Libja kif ukoll f'Malta.

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' *remittance advice* maħruġa lilu minn Untours Insurance Limited[8], għall-ħlas ta' elf, mitejn u ħamsin Euro (€1,250) li sar lilu in segwitu għal dan l-inċident, flimkien ma' kopja ta' ittra interpellatorja għall-ħlas tad-danni[9] u r-risposta li ntbagħtet lilu mis-soċjetà assiguratriċi.[10]

---

[6] *"Mr. Alies Abdul Hadi attended the Accident and Emergency Department at Mater Dei Hospital on 3rd April 2014. He sustained a head injury with a frontal contusion and he also had a nose bleed. He also sustained a displaced lateral tibial plateau fracture (Schatzker II) of the right knee. He was admitted to the orthopaedic ward and underwent open reduction and internal fixation of the right tibial plateau fracture. His post-operative recovery was uneventful and he was mobilised non-weight bearing in a locked ROM splint. He attended the Orthopaedic Outpatients clinic and the Physiotherapy clinics for further treatment and rehabilitation."*

[7] *A fol.* 24 *et seq.* tal-proċess.

[8] *A fol.* 41 tal-proċess.

[9] *A fol.* 43 tal-proċess.

[10] *A fol.* 42 tal-proċess.

L-attur **Alies Abdulhadi** għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[11]*,* fejn qal li fit-3 ta' April, 2014 hu kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Daewoo Matiz bin-numru ta' reġistrazzjoni HBM 327, u ftit qabel l-inċident hu ħareġ minn taħt il-mini ta' Santa Venera fid-direzzjoni tal-Marsa. Qal li għal xi raġuni l-vettura misjuqa minnu ntfiet minħabba ħsara li żviluppat fil-magna, u kien għalhekk li hu waqqaf il-vettura mal-ġenb tat-triq u ħareġ biex jara x'seta' ġara. Qal li sabiex seta' jieqaf, ħtieġlu jixgħel l-*indicator* u l-*hazard lights.* Sakemm kien wieqaf hu ċempel lil ħuh, Josef, li kien is-sid tal-vettura misjuqa minnu, kif ukoll *towing truck* sabiex ikun jista' jirmonka l-vettura sad-dar tiegħu f'Marsaskala. L-attur qal li sakemm kien wieqaf, għaddew minn ħdejh għadd ta' vetturi, u li l-ebda waħda minnhom ma kellha problema biex tgħaddi minn ħdejh. Wara ftit tal-ħin wasal ħuh b'vann, u dan ukoll ipparkja l-vann quddiem il-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-attur. Qal li huma t-tnejn fetħu l-*bonnet* tal-vettura sabiex jaraw jekk il-ħsara li żviluppat kinitx xi ħaġa li setgħet titranġa minnhom, u kif kienu hekk weqfin wara l-*bonnet* tal-vettura, f'ħin minnhom sema' lil ħuh jgħidlu biex jersaq għaliex kienet riesqa vettura fuqhom. Qal li kulma jaf hu li sab ruħu mal-art bejn tliet vetturi b'uġigħ kbir f'saqajh u li ma setax jimxi. Qal ukoll li ftit wara waslet ambulanza li ħaditu l-Isptar fejn inżamm għall-osservazzjoni u sabiex seta' jiġi operat. L-attur qal li għamel żmien twil jimxi bl-għajnuna tal-krozzi, u sabiex seta' jerġa' jibda jimxi ħtieġlu jattendi sessjonijiet ta' fiżjoterapija. Hu qal li f'dan iż-żmien ukoll irkopptu tpoġġiet f'tip ta' *brace* sabiex ma jkollux moviment liberu tagħha, u li kultant ġranet kien ikollu jmur l-Isptar biex iħolluhielu. L-attur kompla jixhed kif f'dan iż-żmien kellu bżonn l-għajnuna tal-familjari tiegħu għal dak kollu li ħtieġlu jagħmel, u li kien dam jattendi s-sessjonijiet ta' fiżjoterapija sal-bidu ta'

[11] *A fol.* 51 tal-proċess.

Ottubru 2014. Qal ukoll li s-soċjetà assiguratriċi li kien assigurat magħha l-konvenut, kienet ħallset is-somma ta' €1,250 b'rabta mal-ħsara sostnuta mill-vettura misjuqa mill-attur. L-attur qal ukoll li hu għamel diversi spejjeż minħabba fl-inċident li kellu. Spjega kif sas-sena 2013 hu kien joqgħod il-Libja, minn fen kiseb ċertifikazzjoni fil-grad ta' Baċellerat fl-Inġinerija Elettrika min-*National Institute for Technical Education*, u li fiż-żmien ta' wara li spiċċa l-istudji tiegħu, hu kien impjegat bħala *intern* man-*National Oil Corporation* fil-Libja, għalkemm xi żmien wara ċ-ċirkostanzi kienu tali li hu ġie jgħix hawn Malta minħabba fl-instabbilità li kien hemm fil-Libja. L-attur kompla jgħid li wara li ġie Malta hu ddeċieda li jsegwi kors fil-*Biomedical Engineering,* ġewwa l-MCAST, permezz ta' liema speċjalizzazzjoni hu għandu prospetti tajbin ħafna ta' impjieg kemm f'Malta kif ukoll barra. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li konsegwenza tal-inċident imsemmi, hu m'għadux jiġri, jilgħab futbol, jimxi fit-tul, joħroġ f'postijiet fejn ikun hemm ħafna nies u jagħmel sports li jinvolvi l-użu tas-saqajn jew tlugħ ta' taraġ. Qal ukoll li għandu diffikultajiet biex jerfa' ċertu piżijiet.

Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2016, ġie maħtur **Mr Carmel Sciberras** bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni, partikolarment fir-rigward tal-istat ta' saħħa tal-attur u dwar jekk dan ġarrabx xi forma ta' debilità permanenti u f'liema grad.

L-espert mediku Mr Carmel Sciberras ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fit-28 ta' Diċembru, 2016[12], u dan wara li tkellem u eżamina lill-attur. L-espert mediku qal li wara l-inċident l-attur ittieħed l-Isptar fejn instab li l-irkoppa kienet mgħawġa ħażin, u li kien hemm ksur fil-parti tat-tibia. L-għada tal-inċident dan

[12] *A fol.* 70 tal-proċess.

il-ksur ġie msewwi permezz ta' pjanċi u viti. Ix-xhud ikkonstata li wara tlett ijiem, l-attur intbagħat id-dar jimxi bil-krozzi, u bl-irkoppa mirfuda minn *ROM brace.* L-espert mediku kkonstata li l-attur ma jistax jimxi fit-tul minħabba li jgħejja, u li lanqas ma jista' joqgħod bilwieqfa għal tul ta' ħin, filwaqt li għandu diffikultà biex joqgħod għarkopptejh waqt it-talb tiegħu bħala Musulman. L-attur spjega lil Mr Sciberras kif spiss iħoss li irkopptu tkun qisha ser iċċedi, għalkemm qatt ma ġara dan. L-espert mediku qal li f'każijiet ta' ksur li jmiss il-ġog, bħalma ġara f'dan il-każ, aktarx li l-persuna tiżviluppa l-artrite qabel il-waqt, filwaqt li seta' jistabbilixxi li l-attur għandu qtugħ fil-ligament, li jagħmel l-irkoppa kemxejn instabbli. Qal li minkejja li l-ligament jista' jissewwa, dan jagħmel l-irkoppa kemxejn difettuża, tant li l-attur jista' jkollu bżonn ta' bdil tal-irkoppa. L-espert mediku kkonstata li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 12% u dan konsegwenza tal-inċident li kellu.

Ħu l-attur **Josef Abdul Hedi**, li ukoll xehed bil-mezz tal-*affidavit*, qal li hu kien wasal fuq il-post tal-inċident ftit tal-ħin wara li l-vettura misjuqa mill-attur waqfet, u hu kien tah parir biex kemm jista' jkun jipparkjaha mal-ġenb tat-triq. Qal li hekk kif wasal fuq il-post, hu u ħuh marru quddiem il-*bonnet* tal-karozza li kienet wieqfa, fejn bdew jaraw xi ħsara seta' kien hemm fil-magna. Qal ukoll li dak il-ħin hu kien lejn in-nofs tal-vettura filwaqt li ħuh kien fuq ix-xellug tiegħu. Ix-xhud qal li f'ħin minnhom ra vettura ssuq fid-direzzjoni tagħhom, liema vettura spiċċat tajret lil ħuh. Qal li fil-mumenti ta' wara l-inċident waslet l-ambulanza li ħadet lil ħuh l-Isptar, u li dak il-ħin hu induna li anki hu kellu ż-żarbun imqatta' u li kellu xi grif u daqqiet fuq rasu. Ix-xhud ikkonferma li fil-ġimgħat ta' wara l-inċident, ommu spiċċat iddur b'ħuh għal ħinijiet twal. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ħuh dam madwar tliet xhur id-dar b'diffikultajiet biex

jiċċaqlaq u bil-moviment ristrett, u li anki wara li neħħewlu l-*footbrace,* dan kellu bżonn ta' korsijiet ta' fiżjoterapija u taħriġ mid-dar.

Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2017 xehed **Dr Stefan Sant**[13], *Head* tal-*Malta Qualifications Recognition Information Centre,* li qal li fis-sena 2014 l-attur kien applika għal rikonoxximent tal-kwalifiċi tiegħu, u li wara li saru l-verifiki neċessarji, kien ġie stabbilit li l-kwalifiċi li kellu l-attur jekwivalu għal grad ta' baċellerat. Ix-xhud qal ukoll iżda li wara li ngħata l-MQF *level 6* għall-kwalifiċi li għandu l-attur, beda proċess ta' verifiki ulterjuri fir-rigward ta' kwalifiċi miksuba minn postijiet bħal-Libja u s-Sirja minħabba suspetti li dawn il-pajjiżi ma kinux qegħdin jottemperaw irwieħhom mad-*due diligences* li suppost isiru f'kull pajjiż fir-rigward ta' istituzzjonijiet li joffru korsijiet soltu offruti f'livell universitarju.[14]

Omm l-attur, **Theresa Abdulhadi**, li ukoll xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[15]*,* qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hi kienet qiegħda d-dar tistenna lil binha jirritorna, meta kien ċemplilha t-tifel tagħha Josef u infurmaha li Alies kien involut f'inċident tat-traffiku. Ix-xhud qalet li fi triqitha lejn l-Isptar ħtiġilha tgħaddi mill-post fejn seħħ l-inċident, u li setgħet tara numru ta' vetturi u muturi tal-Pulizija li kienu għadhom fuq il-post. Ix-xhud qalet li xħin waslet l-Emerġenza sabet lil binha fuq sodda, bil-ħwejjeġ imqattgħin, u li dak il-ħin kien qiegħed jingħata l-morfina sabiex it-tobba bdew il-proċedura li biha setgħu

---

[13] *A fol.* 77 tal-proċess.

[14] Fi kliem ix-xhud, "Ir-raġuni hija li minn dak iż-żmien ħafna il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-*European Higher Education Area* qed jirrevedu ħafna kwalifiċi li ħarġu mis-Sirja u l-Libja għax l-informazzjoni li ħadna mill-awtoritajiet tal-pajjiżi ma kinitx informazzjoni li fil-verità kienet qed tagħmel *due diligence* li qed nagħmlu f'pajjiżna. Għalhekk qed issir *revision* ta' jekk hux vera l-kwalifika li per eżempju jgħidulu Bachelor's tkun Bachelor's bħal ta' Malta. ... Mela jekk aħna l-Batchelor's intuhom EQF6, Bachelor's ġejjin minn dawk il-pajjiżi intuhom EQF5. Is-suspett huwa li l-livell ta' ċertu kwalifiċi maħruġa minn ċerti istituzzjonijiet ma ntuhomx dan il-livell. Aħna min-naħa tagħna, ma ħriġniex *a correction of this qualification subject to further investigation* u konsultazzjoni mal-*partners* tagħna."

[15] *A fol.* 85 tal-proċess.

jiddrittawlu siequ li kienet mgħawġa. Ix-xhud qalet ukoll li l-għada tal-inċident binha ġie operat, u wara li ġie rilaxxjat id-dar, huwa kellu jagħmel xi żmien b'saqajh fil-ġibs u bil-moviment ristrett, matul liema perijodu kellu bżonn l-għajnuna ta' ommu li kienet iddur bih kontinwament.

L-attur esebixxa wkoll kopja ta' *affidavit* ta' **Dr Nicholas Baldacchino**[16], idrologu b'esperjenza twila fis-settur tal-inġinerija, u li hu wkoll lettur fl-MCAST, fejn wieħed mill-istudenti tiegħu huwa l-attur. Ix-xhud qal li ilu jaf lill-attur għal madwar sentejn fejn jgħallmu l-*Business Management for Engineers,* u li hu jaf li l-attur huwa student tajjeb ħafna, li jieħu interess fl-affarijiet akkademiċi. Dan ix-xhud ikkonferma li ladarba l-attur ilesti l-istudji tiegħu, hu jkun qiegħed jiggradwa bħala Inġinier fl-Elettronika, u li dan huwa ekwivalenti għal Baċellerat li jingħata mill-Università ta' Malta. Ix-xhud qal li l-attur huwa student promettenti ħafna, tant li ladarba jlesti l-istudji tiegħu, m'għandux ikollu diffikultajiet biex isib impjieg tajjeb, tant li x-xhud wera l-fehma li l-attur ikun f'qagħda li jitlob salarju inizjali ta' madwar erbgħin elf Euro (€40,000). Ix-xhud qal ukoll li l-attur jista' jkollu problemi minħabba li x-xogħol ta' inġinier huwa meqjus bħala pjuttost strenwanti.

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' *affidavit* ta' **Joseph Attard**[17], *senior lecturer* fl-MCAST, li wkoll ikkonferma li fost l-istudenti fil-kors tal-Inġinerija Elettrika għandu lill-attur. Dan ix-xhud ikkonferma li l-attur hu student promettenti u ddedikat li jsegwi b'mod tajjeb dak li jkun qiegħed jiġi spjegat lilu. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-attur għandu prospetti tajbin kemm ta' impjieg kif ukoll ta' salarji kompetittivi hekk kif itemm l-istudji tiegħu.

---

[16] *A fol.* 89 tal-proċess.
[17] *A fol.* 94 tal-proċess.

L-attur ippreżenta wkoll kopji ta' *payslips* għall-perijodu bejn Mejju u Ottubru 2017 u għall-perijodu bejn Awwissu u Settembru 2017, liema *payslips* huma fir-rigward ta' impjiegi li l-attur kellu. Il-Qorti tinnota li dawn l-impjiegi m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-istudji jew max-xogħol ta' inġinier li l-attur diġà għandu kwalifiċi fih.

Fl-udjenza tad-9 ta' April, 2018, xehed **Espedito Grech**[18], *Director Research and Personnel Systems* li ntalab jixhed b'mod ġenerali dwar is-salarji ta' min jimpjega ruħu fil-grad ta' inġinier mal-Gvern. Ix-xhud spjega li dawn is-salarji huma marbuta mal-Ftehim Settorjali li jirregola s-servizz pubbliku, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2011, filwaqt li għamel riferiment għall-parti tal-Ftehim li tirregola l-impjieg u l-introjtu tal-inġiniera li jaħdmu mal-Gvern. Ix-xhud qal li dan il-Ftehim ma jagħmilx distinzjoni bejn id-diversi tipi ta' inġiniera, fosthom inġiniera mekkaniċi jew elettriċi, u li dawn kollha jitħallsu l-istess rata skont l-iskali tas-settur pubbliku. Qal ukoll li s-salarji indikati ma jagħmlu l-ebda distinzjoni f'każ li inġinier ikollu xi speċjalizzazzjoni partikolari, bħalma tkun pereżempju l-inġinerija bijomedika. Skont dan il-Ftehim, inġinier li jaħdem mas-settur pubbliku jidħol fi Skala 10 tal-iskali taċ-Ċivil, u jkollu salarju ta' €18,720.98 li jiżdiedu b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €21,167.

Fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018 reġa' xehed **Dr Nicholas Baldacchino**[19], li ġie mistoqsi dwar iċ-ċertifikati ppreżentati mill-attur u kif dawn jikkomparaw mal-kwalifiki ta' inġiniera li jkunu studjaw u laħqu hawn Malta. Ix-xhud qal li l-attur hu student fl-MCAST fejn qiegħed isegwi kors fis-sezzjoni tal-Università. Qal li hu kien jgħallem lill-attur, u li jista' jgħid li hu student promettenti ħafna. Qal li

[18] *A fol.* 116 tal-proċess.
[19] *A fol.* 141 tal-proċess.

l-attur fadallu sena biex jiggradwa, u li safejn jaf hu, dan kien iġib marki tajbin. Ix-xhud ikkonferma li l-linja ta' studju segwita mill-attur hi mfittxija ħafna hawn Malta. Kompla jgħid li bħala edukatur hu jista' jgħid liema studenti jippromettu l-aktar, u qal ukoll li hawn inġiniera li jaqilgħu ħafna aktar minn erbgħin elf Euro (€40,000). Qal li f'din l-industrija hi l-kwalità li tgħodd, u li fil-każ tal-attur dan jidher li hu student tajjeb ħafna.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-konvenut assuma responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża, u għalhekk m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fir-rigward tal-ewwel talba tal-attur stante li din ġiet ammessa mill-konvenut.

Jifdal hekk li ssir il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur sabiex jiġi stabbilit il-*quantum* tad-danni li għandhom jitħallsu lilu, kemm f'dak li jirrigwarda *damnum emergens* jew danni materjali sofferti minnu, kif ukoll f'dak li hu *lucrum cessans,* jew aħjar telf ta' qligħ futur, partikolarment in vista tal-fatt li ġie stabbilit kemm mill-espert mediku ex parte u kemm mill-espert mediku maħtur mill-Qorti li l-attur sofra debilità permanenti ta' 12% konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

*Damnum emergens:*

Għal dak li jirrigwarda d-*damnum emergens,* il-Qorti sejra tistrieħ fuq l-irċevuti ppreżentati mill-attur, liema irċevuti huma prova ta' spejjeż inkorsi

minnu konsegwenza tal-inċident[20], u li jammontaw għal €55 ħlas għal konsulta ma' Mr Thomas Azzopardi[21], €6.99 u €6.99[22] ħlasijiet li ġew effettwati lill-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, €60 ħlasijiet li ġew effettwati b'rabta ma' konsulta fl-Isptar Saint James[23], €40 u €250 ħlas għar-rapport mediku[24], u total ta' €354 spejjeż marbuta ma' pariri legali[25], sabiex b'hekk it-total tad-danni materjali li ġie ppruvat li ġew inkorsi mill-attur jammontaw għal €772.98.

*Lucrum cessans:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013 fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

[20] Irċevuti esebiti *a fol.* 14 sa fol. 19 tal-proċess.
[21] *A fol.* 14 tal-proċess.
[22] *A fol.* 15 tal-proċess.
[23] *A fol.* 16 tal-proċess.
[24] *A fol.* 17 tal-proċess.
[25] *A fol.* 18 u 19 tal-proċess.

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sitta u għoxrin (26) sena, li hi l-età li kellu l-attur fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 30. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[26], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **<u>Butler vs Heard</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...

[26] P.A., 10.05.2005.

> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 30 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attur hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar. Fil-każ odjern, ġie stabbilit minn żewġ esperti mediċi li l-grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur hi ta' tnax fil-mija (12%), u l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida li għaliha għandha tiddipartixxi minn din ir-rata hekk stabbilita.

Punt ewlieni ta' kontenzjoni f'din il-kawża kien il-fatt li fil-mument li fih seħħ l-inċident mertu tal-kawża, l-attur kien student tal-MCAST fil-kors tal-inġinerija elettrika, u dan minkejja provi li hu diġà kkwalifikat f'dan il-qasam minn istituzzjoni akkademika fil-Libja. Il-Qorti qieset fit-tul id-diversi provi mressqa quddiemha miż-żewġ partijiet fil-kawża, kemm dawk prodotti mill-attur, partikolarment letturi fl-MCAST li għandhom ukoll rabtiet mal-industrija u li xehdu li inġinier speċjalizzat fis-suġġett li qiegħed jispeċjalizza fih l-attur kapaċi jattira salarju ta' aktar minn erbgħin elf Euro (€40,000) fis-sena, kif ukoll id-deposizzjoni ta' xhud li tressaq mill-konvenut li xehed li persuna b'*warrant* ta' inġinier li tagħżel li taħdem fis-settur pubbliku taqla' salarju li hu ferm inqas minn hekk, u li llum il-ġurnata jkun ta' madwar għoxrin elf Euro (€20,000) għal inġinier li għadu jibda d-dinja tax-xogħol.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-attur kien għadu għaddej bl-istudju tiegħu, il-Qorti tieħu s-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) fis-sena bħala s-salarju bażiku li fuqu ser tkun qed tikkalkula l-komputazzjoni li trid tagħmel. Dan l-ammont irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[27] għall-perijodu kollu tal-*mutiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €20,000 + €25,760 / 2 = **€22,880**. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016, u ser tinqata' ftit aktar minn sentejn wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Lanqas ma jista' jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet sabiex il-proċeduri jitwalu bla bżonn.

Is-salarju medju ta' €22,880 x *multiplier* ta' 30, x 12% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €82,368 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€65,894.40**. Dan huwa l-*lucrum cessans* kif likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' €772.98, rappreżentanti d-*damnum*

---

[27] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

*emergens* soffert mill-attur, jiġi stabbilit li l-ammont totali li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur *in linea* ta' danni fis-somma ta' **€66,667.38**.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;**
2. **Fl-ammissjoni tal-konvenut tal-ewwel talba tal-attur, tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' sitta u sittin elf, sitt mija u sebgħa u sittin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€66,667.38);**
3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut.**

Moqrija.